

## V

(Avviżi)

## PROĊEDURI TAL-QORTI

## IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal do Trabalho de Lisboa (il-Portugall) fil-5 ta' Novembru 2013 — Jorge Ítalo Assis dos Santos vs Banco de Portugal**

(Kawża C-566/13)

(2014/C 31/02)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal do Trabalho de Lisboa

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Jorge Ítalo Assis dos Santos

Konvenut: Banco de Portugal

**Domandi preliminari**

- (1) L-Artikolu 130 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, li timponi lill-bank [ċentrali] ta' dan l-Istat Membru s-sospensjoni tal-ħlas tal-premji ta' leave annwali u tal-Milied lill-ħaddiema rtirati ta' dan il-bank, tmur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 130 inkwantu din tinvolvi indħil tal-Gvern (iktar preċiżament, tal-amministrazzjoni ċentrali) fis-setgħat deċiżjonali tal-bank [ċentrali], fir-rigward tal-politika tagħha dwar il-persunal, bi ksur tal-prinċipju ta' awtonomija u ta' indipendenza tal-banek ċentrali?
- (2) L-Artikolu 123 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, li timponi l-għoti lil organu għall-amministrazzjoni indiretta tal-Istat, dipendenti u taħt it-tmexxija tal-Ministeru tal-Finanzji u li d-dħul u l-ispejjeż tiegħu jinsabu fil-Baġit tal-Istat, tal-ammont tassussidji li l-ħlas tagħhom huwa sospiż, tmur kontra l-Artikolu 123 inkwantu din tikser il-prinċipju ta' projbizzjoni tal-finanzjament tal-Istati mill-banek ċentrali?
- (3) Ir-restrizzjoni tas-sospensjoni tal-ħlas tal-premji ta' leave annwali u tal-Milied lill-ħaddiema rtirati u mhux lill-

ħaddiema li għadhom jaħdmu, tikser il-prinċipju ta' ugwal-janza, fid-dawl tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, stabbilita fl-Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea <sup>(1)</sup>?

<sup>(1)</sup> ĠU 2000, C 364, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-High Court of Justice (Chancery Division), Patents Court (Ir-Renju Unit) fl-14 ta' Novembru 2013 — Actavis Group PTC EHF, Actavis UK Ltd vs Boehringer Ingelheim Pharma GmbH & Co. KG**

(Kawża C-577/13)

(2014/C 31/03)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Qorti tar-rinviju**

High Court of Justice (Chancery Division), Patents Court

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Actavis Group PTC EHF, Actavis UK Ltd

Konvenuti: Boehringer Ingelheim Pharma GmbH &amp; Co. KG

**Domandi preliminari**

- (1) (a) Jekk, meta tingħata, privattiva ma tinkludix pretensjoni li tidentifika espliċitament żewġ ingredjenti attivi f'kompożizzjoni, iżda din tkun tista' tiġi emendata sabiex tinkludi tali pretensjoni, din il-privattiva, sew jekk issir l-emenda, sew jekk le, tista' tiġi invokata bħala "privattiva bażika fis-seħħ" għal prodott li jinkludi dawn l-ingredjenti f'kompożizzjoni skont l-Artikolu 3(a) tar-Regolament Nru 469/2009/KE <sup>(1)</sup> (iktar 'il quddiem ir-"Regolament")?